IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.3.2021
COM(2021) 103 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/94/UE dwar il-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi

{SWD(2021) 49 final}

MT MT

1 Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea hija impenjata li tilħaq l-ogħla livelli ta' ħarsien tal-klima u tal-ambjent. B'riżultat ta' dan, iż-żieda fil-produzzjoni, il-varar u l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli hija prijorità ewlenija tal-politiki Ewropej dwar it-trasport, l-enerġija u l-klima. Il-bini ta' network infrastrutturali tal-fjuwils alternattivi dens, mifrux, affidabbli u faċli biex jintuża fil-modi kollha huwa element ewlieni biex tintlaħaq il-mira tan-newtralità klimatika sal-2050 u biex jingħata kontribut għall-ambizzjoni ta' tniġġis żero kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.[1] Dan in-network se jkun faċilitatur importanti għall-adozzjoni fis-suq ta' vetturi, bastimenti u inġenji tal-ajru b'emissjonijiet żero jew baxxi.[2] Għat-trasport bit-triq, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi l-objettiv li jkun hemm mill-inqas miljun stazzjon ta' ċċarġjar u ta' rforniment ta' fjuwil aċċessibbli għall-pubbliku sal-2025 li jistabbilixxi punt tat-tluq għat-tnedija ferm akbar meħtieġa ta' tali infrastruttura sal-2030, kif previst fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti. [3] L-istrateġija tistabbilixxi miri importanti u ambizzjużi għaż-żieda fil-produzzjoni, il-varar u l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli fil-modi kollha tat-trasport sal-2030 u sal-2050, inkluż, fejn meħtieġ, għat-tnedija tal-infrastruttura meħtieġa.

Dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati tal-valutazzjoni tal-azzjoni meħuda mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2014/94 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (AFID) u l-iżvilupp ta' swieq għal fjuwils alternattivi u infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fl-Unjoni. Dan isegwi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(3) ta' dik id-Direttiva, li jirrikjedi lill-Kummissjoni tissottometti rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva kull tliet snin b'effett mit-18 ta' Novembru 2020.

Ir-rapportar huwa bbażat fuq bażi ta' informazzjoni estensiva. Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni fil-fond tar-rapporti ta' implimentazzjoni nazzjonali kif riċevuti mill-Istati Membri skont din id-Direttiva[4], li tibni fuq l-interazzjonijiet mal-Istati Membri fit-tfassil ta' dik il-valutazzjoni. Il-Kummissjoni wettqet ukoll studju ta' appoġġ estern fil-kuntest tal-evalwazzjoni li għaddejja ta' dik id-Direttiva.[5] Barra minn hekk, il-Kummissjoni aġġornat ir-rapport tagħha dwar l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fis-sistemi tat-trasport tal-fjuwils alternattivi fl-UE[6]. Dawn il-valutazzjonijiet jiġu ppubblikati flimkien ma' dan ir-rapport.

Dawn il-valutazzjonijiet juru li l-implimentazzjoni sħiħa tal-miri u tal-miżuri ppjanati mill-Istati Membri twassal għat-tnedija tal-infrastruttura sal-2030 li - meta wieħed janalizza n-numri aggregati - tista' potenzjalment tappoġġja flotta ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi li hija konformi mal-projezzjonijiet taħt perkors li jilħaq tnaqqis globali ta' 40 %[7] fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-UE. Madankollu, il-varar attwali mhuwiex qed iwassal għal kopertura komprensiva u sħiħa tan-network ta' infrastruttura faċli biex tintuża madwar l-Unjoni peress li għadhom jippersistu differenzi kbar bejn il-pjanijiet tal-Istati Membri, u modi tat-trasport oħra minbarra t-toroq huma esklużi jew sottorappreżentati. Barra minn

[1] COM(2019) 640 final

[2] Fil-bqija ta' din il-komunikazzjoni, fejn ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-terminu vetturi jirreferi, kif rilevanti fil-kuntest speċifiku, għat-tipi kollha ta' vetturi, inklużi, *inter alia*, karozzi, trakkijiet, karozzi tal-linja, kowċis, ferroviji, inġenji tal-ajru, bastimenti, vapuri, eċċ.

[3] COM(2020) 789 final

[4] SWD NIRs

[5] Studju ta' appoġġ għall-evalwazzjoni

[6] https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/fd62065c-7a0b-11ea-b75f-01aa75ed71a1

[7] Iddefinit fil-Qafas dwar il-Klima u l-Enerġija għall-2030

hekk, il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030[8] jipprevedi ambizzjoni akbar billi jżid il-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE għall-2030 għal 55 %, u b'hekk jirrikjedi żieda konsiderevolment ogħla fl-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi u t-tnedija xierqa tal-infrastruttura.

Dan ir-rapport jindika l-benefiċċji tat-tisħiħ tal-azzjoni fl-implimentazzjoni ulterjuri tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tal-Istati Membri u l-iżvilupp ulterjuri tal-qafas ta' politika fil-livell Ewropew. Din is-sejba tikkorrispondi għal konklużjonijiet preċedenti mqajma mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni: għall-akbar użu tal-fjuwils alternattivi fl-UE"[9] u l-konklużjonijiet imqajma mill-Parlament Ewropew fir-rapport tiegħu dwar il-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi[10]. Il-pubblikazzjoni tal-valutazzjonijiet fil-fond tar-rapporti ta' implimentazzjoni nazzjonali individwali tipprovdi bażi għal diskussjoni ulterjuri dwar kif l-Istati Membri jistgħu jappoġġjaw l-evoluzzjoni rapida ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi suffiċjenti. F'dan il-kuntest, is-sinerġiji bejn il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza skont in-Next Generation EU u l-opportunitajiet marbuta ma' aġenda ta' investiment għall-mobbiltà sostenibbli huma evidenti.

2. Sitwazzjoni attwali: Il-progress teknoloġiku u l-iżvilupp tas-swieq

Mill-adozzjoni tad-Direttiva fl-2014, is-swieq għad-diversi fjuwils alternattivi żviluppaw b'mod differenti fir-rigward tal-adozzjoni ta' vetturi u l-varar tal-infrastruttura fi ħdan il-modi tat-trasport u bejniethom.

Tabella 1: L-għadd ta' karozzi tal-passiġġieri li jaħdmu bi fjuwil alternattiv irreġistrati 2014 - 2020 fl-UE

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Żieda 2014-2020
Batterija Elettrika	75067	119 222	164 681	244 231	376 534	616 644	904 262	1105 %
Karozza Ibrida Rikarikabbli	56 758	126 032	191 561	254 249	349 181	474 724	755 282	1231 %
Idroġenu	53	192	362	531	714	1 187	1 492	2715 %
Gass Naturali Kkompressat	999 044	1 058 992	1 089 701	1 113 714	1.161 118	1 193.806	1 207 069	21 %
Gass Likwifikat miż-Żejt	6 906 769	7 089 523	7 232 050	7 264 118	7 628.053	7 714.409	7 707 823	12 %
Total ta' Karozzili Jaħdmu bi Fjuwils Alternattivi	8 037 691	8 393 961	8 678 355	8 876 843	9 515 600	10 000 770	10 575 928	32 %
Karozzi li Jaħdmu bi Fjuwils Alternattivi f'%	2,99 %	3,12 %	3,23 %	3,30 %	3,59 %	3,72 %	3,93 %	

Sors: Osservatorju Ewropew tal-Fjuwils Alternattivi, Jannar 2021 (www.eafo.eu)

[8] COM(2020) 562
[9] COM/2017/0652 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2017:0652:FIN
[10] (2018/2023(INI)) https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-8-2018-0297_MT.html

Meta mqabbel mas-sitwazzjoni tas-suq fiż-żmien l-adozzjoni tad-Direttiva, is-suq tal-**vetturi elettriċi** mmatura ħafna, b'mod partikolari għall-vetturi elettriċi ħfief u l-karozzi tal-linja (kemm dawk elettriċi kif ukoll dawk ibridi rikarikabbli). Speċjalment il-karozzi elettriċi raw żieda rapida f'termini ta' reġistrazzjonijiet totali tal-vetturi u tkabbir fil-mudelli disponibbli fil-perjodu 2010-2020. Fit-tielet trimestru tal-2020, l-ishma żdiedu għal 9,9 % tal-bejgħ kollu tal-karozzi, meta mqabbla ma' 3 % fis-sena ta' qabel[11]. Filwaqt li l-ishma tal-istokkijiet tal-karozzi għadhom baxxi, hija mistennija aċċellerazzjoni ulterjuri fl-adozzjoni ta' vetturi, xprunata wkoll mill-ħtieġa tinżamm konformità mar-rekwiżiti legali skont l-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi ħfief[12], id-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa[13] u l-pressjoni biex tinżamm konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja. Id-disponibbiltà tal-mudell għall-karozzi u l-vannijiet, iżda anki għall-karozzi tal-linja, tjiebet ħafna matul l-aħħar snin. Wara żviluppi tekniċi u żidiet fil-kapaċità tal-batteriji, il-meded ta' vetturi elettriċi huma ferm akbar mid-distanza medja ta' sewqan kuljum fl-UE u jippermettu vvjaġġar fuq distanza twila, li qed jikkontribwixxi għal aċċettazzjoni akbar mill-utenti. Għat-trakkijiet, mill-2014, il-maturità tas-swieq żviluppat b'pass ħafna aktar bil-mod. L-istokk tal-vetturi (inklużi dawk modifikati) għadu f'livell baxx ħafna. It-trakkijiet issa qed jibdew jidħlu fis-suq għall-istrutturi tad-distribuzzjoni, u l-manifatturi ħabbru mudelli ġodda (inkluż b'meded itwal) li se jidħlu fis-suq fis-snin li ġejjin. Adozzjoni akbar fis-suq f'dan is-segment hija mistennija sal-2025, anki fid-dawl tal-ħtieġa li tinżamm konformità mar-rekwiżiti legali tal-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal[14]. Il-karozzi tal-linja elettriċi, u f'dan ir-rigward b'mod speċjali l-karozzi tal-linja tat-trasport pubbliku f'żoni urbani, raw adozzjoni sinifikanti u l-għadd ta' karozzi tal-linja rreġistrati żdied b'aktar mid-doppju fl-2019. Barra minn hekk, ħafna bliet stabbilew miri ambizzjużi ħafna għall-elettrifikazzjoni tal-flotot tal-karozzi tal-linja tagħhom, li jindika probabbiltà ta' aċċellerazzjoni f'din ix-xejra.

Meta mqabbel mas-sitwazzjoni tas-suq fiż-żmien l-adozzjoni tad-Direttiva, is-suq tal-**vetturi b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu** żviluppa b'rata ta' tkabbir sinifikanti għalkemm minn punt tat-tluq baxx ħafna. Filwaqt li l-karozzi, il-vannijiet u l-karozzi tal-linja b'ċellola tal-fjuwil huma teknoloġikament maturi, ir-rati ta' reġistrazzjoni tagħhom jibqgħu baxxi ħafna. Id-disponibbiltà ta' mudelli ta' vetturi ħfief b'ċellola tal-fjuwil għamlet progress inkrementali biss: pereżempju, fl-2020, erba' mudelli ta' karozzi b'ċellola tal-fjuwil kienu offruti fl-UE, iżda mhux fl-Istati Membri kollha. Il-manifatturi tat-tagħmir oriġinali (OEMs) Ewropej ma ħabbru l-ebda investiment sinifikanti fil-karozzi u l-vannijiet b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu. Is-sitwazzjoni hija ftit aħjar għall-karozzi tal-linja: manifatturi Ewropej differenti bdew il-produzzjoni u għadd ta' bliet u reġjuni bdew ivaraw flotot ta' karozzi tal-linja b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu. Filwaqt li s-suq ma rreġistra l-ebda momentum għat-trakkijiet, is-sitwazzjoni bħalissa qed tinbidel. Bl-istandards il-ġodda ta' emissjonijiet tas-CO_2 stabbiliti, l-OEMs differenti issa qed jibdew jinvestu b'mod qawwi f'soluzzjonijiet ta' trakkijiet b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu, fid-dawl tal-produzzjoni f'serje tagħhom ta' vetturi għal vjaġġi bit-triq fuq distanzi twal wara l-2025. Bl-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif[15], l-UE qed tagħti

[11] www.acea.be
[12] 2019/631/UEhttps://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32019R0631
[13] 2019/1161/UEhttps://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2019/1161/oj?locale=mt
[14] 2019/1242/UEhttps://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj?locale=mt
[15] https://ec.europa.eu/growth/industry/policy/european-clean-hydrogen-alliance_en

impuls qawwi għal koordinazzjoni aħjar tal-azzjoni tal-atturi tas-suq permezz ta' approċċ tal-katina tal-valur sħiħ li għandu jżid ukoll l-iżvilupp tas-suq tat-trakkijiet b'ċellola tal-fjuwil, kif ukoll għas-suq għall-kowċis.

Meta mqabbel mas-sitwazzjoni tas-suq fiż-żmien l-adozzjoni tad-Direttiva, l-iżvilupp ġenerali tas-suq tal-**vetturi li jaħdmu bil-gass naturali** jvarja skont is-segment. It-teknoloġija għall-vetturi li jaħdmu bil-gass naturali u l-komponenti tagħhom hija kompletament matura kemm għall-gass naturali kkompressat (CNG) kif ukoll għall-gass naturali likwifikat (LNG) kemm ta' oriġini fossili kif ukoll ta' oriġini bijoloġika. Il-flotta tal-karozzi tal-passiġġieri fl-2020 kienet ta' madwar 1,2 miljun karozza. Il-mudelli tal-vetturi huma għall-bejgħ fis-suq tal-UE fis-segmenti kollha. Madankollu, l-għadd ta' ditti li jipprovdu vetturi CNG naqas f'dawn l-aħħar snin.[16] It-trakkijiet li jaħdmu bil-gass naturali wrew tkabbir aktar kostanti, b'mod partikolari fis-segment tal-LNG.

Diġà qabel l-adozzjoni tad-Direttiva, fis-suq kienet teżisti flotta ta' madwar 7 miljun vettura **LPG**. Mill-adozzjoni tad-Direttiva, l-adozzjoni tal-vetturi żdiedet bil-mod. Tliet kwarti ta' dawk il-vetturi ġew irreġistrati f'żewġ Stati Membri biss; għalhekk, fl-UE għadha tippersisti konċentrazzjoni ġeografika qawwija ta' dawk il-vetturi. F'diversi bliet jeżistu flotot ta' karozzi tal-linja li jaħdmu bl-LPG. Madankollu, l-għadd ta' akkwiżizzjonijiet jew sostituzzjonijiet ġodda ta' karozzi tal-linja li jaħdmu bl-LPG qed jonqos.

Barra minn hekk, il-**fjuwils likwidi u l-fjuwils sintetiċi rinnovabbli** – inklużi l-fjuwils elettroniċi – jistgħu jiġu prodotti biex jissodisfaw l-istandards attwali tal-fjuwil għad-diżil u l-petrol; għalhekk dawn jistgħu jiġu distribwiti permezz ta' infrastruttura eżistenti u jintużaw f'vetturi standard. Infrastruttura ddedikata għall-bijofjuwils (e85) li għandha tintuża f'vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil teżisti biss fi ftit Stati Membri u r-reġistrazzjoni ta' tali vetturi tibqa' stabbli f'livell baxx ħafna. Mistoqsija ewlenija tirrigwarda l-potenzjal għall-kapaċità tal-produzzjoni futura ta' bijofjuwils alternattivi sostenibbli. Fid-dawl tad-disponibbiltà tal-materja prima, l-effiċjenza ġenerali tal-proċess tal-produzzjoni u l-ispejjeż ġenerali – kemm għall-bijofjuwils kif ukoll għall-fjuwils sintetiċi – l-użu tal-bijofjuwils jeħtieġ li jservi b'mod partikolari l-modi tat-trasport li huma aktar diffiċli biex jiġu dekarbonizzati (avjazzjoni, fuq l-ilma).

Fir-rigward tat-**trasport fuq l-ilma**, id-disponibbiltà ta' *data* dwar l-adozzjoni tal-bijofjuwils, il-**bastimenti** li jaħdmu bi fjuwil alternattiv **u l-Provvista tal-Enerġija fuq l-Art (OPS)** għall-vapuri rmiġġati hija limitata. L-għadd totali ta' vapuri LNG ikkummissjonati madwar id-dinja kien ta' madwar 300 fl-2019. Nofs dawk il-vapuri biss kienu qed joperaw. In-nofs l-ieħor għadu ordnat. L-ammont ta' bastimenti elettriċi (inklużi dawk ibridi) li qed joperaw madwar id-dinja huwa baxx bl-istess mod, iżda dan l-aħħar qed jikber: fl-2019, 160 vapur kienu qed jaħdmu u 104 oħra kienu qed jinbnew[17]. Fl-aħħar tal-2019, madwar 50 port intern u marittimu fl-UE kellhom mill-inqas punt ta' konnessjoni tal-OPS wieħed[18].

Rigward l-użu ta' fjuwils alternattivi fis-settur tal-**ferrovija,** madwar 60 fil-mija tan-network li jaqdi 80 fil-mija tal-volum tat-traffiku kollu huwa elettrifikat[19]. L-ewwel ordnijiet tas-suq

[16] Id-domanda dejjem tonqos għal vetturi ġodda li jaħdmu bil-gass naturali hija kkonfermata mill-volum ta' gass naturali użat fit-trasport bit-triq: dan żdied b'aktar mid-doppju bejn l-2008 u l-2015, iżda baqa' pjuttost stabbli minn dak iż-żmien.
[17] https://safety4sea.com/352-confirmed-ships-are-using-battery-installations/
[18] https://eafo.eu/shipping-transport/port-infrastructure/ops/data
[19] Elettrifikazzjoni tas-Sistema tat-Trasport: https://ec.europa.eu/programmes/horizon2020/en/news/electrification-transport-system-expert-group-report

tal-ferroviji b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu bdew reċentement. Rigward l-użu ta' fjuwils alternattivi fl-**avjazzjoni**, il-bijofjuwils u l-fjuwils elettroniċi diġà jistgħu jitħalltu mal-pitrolju llum. Madankollu, l-użu ta' bijofjuwils likwidi għadu marġinali b'0,05 % tal-użu tal-enerġija mit-trasport bl-ajru. Il-manifatturi tal-inġenji tal-ajru bdew jinvestu wkoll fl-iżvilupp ta' inġenji tal-ajru elettriċi, ibridi u tal-idroġenu.

3 Implimentazzjoni tad-Direttiva

Traspożizzjoni

L-Istati Membri kellhom jittrasponu d-Direttiva sat-18 ta' Novembru 2016. Kien hemm dewmien fit-traspożizzjoni f'ħafna Stati Membri. Fl-2017 u fl-2018, il-Kummissjoni fetħet 24 każ ta' ksur għal nuqqas ta' traspożizzjoni. Il-Kummissjoni għalqet il-biċċa l-kbira tal-każijiet matul l-2018 u għalqet il-każijiet li kien fadal fl-2019 u fl-2020. Fl-aħħar tal-2020, ma hemm l-ebda każ ta' ksur miftuħ kontra l-Istati Membri għan-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttiva.

Status tal-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali

Id-Direttiva tirrikjedi li kull Stat Membru jadotta qafas ta' politika nazzjonali (NPF) għall-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi fis-settur tat-trasport u għall-varar tal-infrastruttura rilevanti tiegħu. B'mod partikolari, l-NPFs kellhom jinkludu miri u objettivi nazzjonali għall-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, filwaqt li titqies id-domanda nazzjonali, reġjonali u madwar l-Unjoni kollha. Barra minn hekk, l-Istati Membri kellhom jipprovdu l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi nazzjonali stabbiliti fl-NPFs. L-Istati Membri kellhom jinnotifikaw l-NPFs tagħhom lill-Kummissjoni sat-18 ta' Novembru 2016.

Fil-valutazzjoni tagħha tal-2017 tal-NPFs u fl-aġġornament tagħha tal-2019[20], il-Kummissjoni kkonkludiet li l-NPFs mhumiex kompletament koerenti minn perspettiva li tqis l-UE kollha f'termini tal-prijoritajiet li stabbilew. L-ambizzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-adozzjoni ta' fjuwils alternattivi u l-infrastruttura tagħhom varjat b'mod sinifikanti. Din ikkonkludiet ukoll li mhux l-NPFs kollha stabbilew miri u objettivi ċari u suffiċjenti, appoġġjati minn miżuri komprensivi.

Pjan ta' Azzjoni dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi

Biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-NPFs u skont l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva, fit-8 ta' Novembru 2017 il-Kummissjoni adottat Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi[21]. Dan jappoġġja l-istabbiliment ta' bażi ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi b'kopertura sħiħa tan-network TEN-T sal-2025, u b'żieda fl-investiment f'dik li hija infrastruttura. Il-pjan ħabbar appoġġ addizzjonali ta' EUR 800 miljun mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)[22] u mill-programm NER 300[23] biex jixpruna l-investiment. Il-Pjan ta' Azzjoni nnota wkoll il-ħtieġa li jiżdied il-livell ta' ambizzjoni politika fil-pjanijiet

[20] SWD(2019) 29 final: https://ec.europa.eu/transport/sites/transport/files/legislation/swd20190029.pdf
[21] COM/2017/0652 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2017:0652:FIN
[22] https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-transport
[23] https://ec.europa.eu/clima/policies/innovation-fund/ner300_en

tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnedija tal-infrastruttura f'żoni urbani u transfruntiera u azzjoni rigward it-titjib tas-servizzi tal-użu.

Sottomissjoni ta' Rapporti ta' Implimentazzjoni Nazzjonali

Id-Direttiva tirrikjedi li sat-18 ta' Novembru 2019 l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni rapport ta' implimentazzjoni nazzjonali (NIR) dwar l-eżekuzzjoni tal-qafas ta' politika nazzjonali (NPF) fil-perjodu mis-sottomissjoni tal-NPF sa mill-inqas il-31 ta' Diċembru 2018. Dawn ir-rapporti għandhom ikopru l-informazzjoni elenkata fl-Anness I tad-Direttiva, inkluż, fejn xieraq, argumentazzjoni rilevanti dwar il-livell ta' kisba tal-miri u l-objettivi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 3(1). Sal-1 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni kienet irċeviet 25 NIR. Sal-1 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni kienet irċeviet ir-rapporti mill-Istati Membri kollha ħlief wieħed. Is-sejbiet tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni huma ppreżentati f'dan ir-rapport u fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

Aspetti tad-Direttiva li kienu jirrikjedu azzjoni diretta mill-Kummissjoni

<u>Tikkettar tal-fjuwil</u>

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti, konsistenti u ċara lill-konsumaturi dwar il-kompatibbiltà tal-vetturi tagħhom mal-fjuwils li jitqiegħdu fis-suq. Il-provvista ta' informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar rigward il-konformità tal-fjuwil skont l-istandards tal-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-fjuwils. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) jadottaw l-istandards korrispondenti għal dan il-għan. Sussegwentement, is-CEN u s-Cenelec adottaw l-istandard EN 16942 "Fjuwils - Identifikazzjoni tal-kompatibbiltà tal-vettura - Espressjoni grafika għall-informazzjoni għall-konsumatur" li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Ottubru 2018 u l-istandard EN 17186 "Identifikazzjoni tal-kompatibbiltà tal-vetturi u tal-infrastrutturi - Espressjoni grafika għall-informazzjoni għall-konsumatur dwar il-provvista tal-enerġija EV" li se jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2021. *Data* konsistenti dwar l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards fis-swieq tal-Istati Membri hija limitata. Il-Kummissjoni qed tivverifika s-sitwazzjoni mal-Istati Membri. Informazzjoni aġġornata tissuġġerixxi li t-tikketti tal-fjuwil huma applikati b'mod pjuttost komuni f'pompi tal-petrol fl-Istati Membri.

<u>Tqabbil tal-prezz tal-fjuwil</u>

Id-Direttiva tistabbilixxi li, meta l-prezzijiet tal-fjuwil jintwerew f'pompa tal-petrol, għandu jintwera tqabbil bejn il-prezzijiet ta' unità rilevanti għal skopijiet ta' informazzjoni, b'mod partikolari għall-gass naturali u l-idroġenu. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/732 tas-17 ta' Mejju 2018 jistabbilixxi metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unità tal-fjuwils alternattivi. Bi tweġiba għall-kriżi tal-COVID-19, l-Istati Membri qablu mal-proposta tal-Kummissjoni li d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament

tiġi posposta sas-7 ta' Diċembru 2020.[24] Skont il-metodoloġija adottata, il-prezzijiet tal-fjuwil huma espressi bħala ammonti tal-munita applikabbli għal kull 100 km. Il-wiri tat-tqabbil tal-prezzijiet tal-fjuwil fil-pompi tal-petrol għandu jkun ibbażat fuq kampjuni trasparenti ta' karozzi tal-passiġġieri li huma komparabbli, tal-inqas fid-dawl tal-piż u l-potenza tagħhom. Azzjoni ta' Appoġġ għall-Programm (PSA) fl-ambitu tas-CEF ħarġet rakkomandazzjonijiet għal implimentazzjoni armonizzata tad-dispożizzjoni mill-Istati Membri, inkluż meta jintużaw għodod diġitali.

<u>Aċċessibbiltà tad-*data*</u>

Id-Direttiva tistabbilixxi li *data* li tindika l-post ġeografiku tal-punti ta' riforniment ta' fjuwil u ċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku hija disponibbli fuq bażi miftuħa u mhux diskriminatorja għall-utenti kollha. Biex jiġu megħjuna l-Istati Membri, ġiet stabbilita PSA fl-ambitu tas-CEF bi 15-il Stat Membru parteċipanti. Din tiffoka fuq format għall-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-elettromobbiltà għall-operaturi tal-punti tal-iċċarġjar (CPOs) u għall-fornituri ta' servizzi tal-elettromobbiltà (EMSPs), u b'hekk tistabbilixxi l-pedamenti għal skambju ta' informazzjoni b'kontroreferenza għall-istruttura bejn l-Istati Membri. Tipprovdi suġġerimenti dwar kif l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw u jimplimentaw l-infrastruttura tal-IT nazzjonali tagħhom li minnha se tinġabar u ssir disponibbli d-*data* permezz tal-Punti ta' Aċċess Nazzjonali (NAPs) skont id-Direttiva (UE) 2010/40 dwar is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti.

<u>Standardizzazzjoni tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi</u>

Id-Direttiva ġiet issupplimentata u emendata mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1745. Ir-Regolament jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li japplikaw għal punti tal-iċċarġjar għal vetturi bil-mutur ta' kategorija L, il-provvista tal-elettriku mix-xatt għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, il-provvista tal-idroġenu għat-trasport bit-triq u l-provvista tal-gass naturali għat-trasport bit-triq u fuq l-ilma. Din temenda l-Anness II tad-Direttiva billi tispeċifika l-istandards li ġew irrakkomandati mis-CEN u mis-Cenelec bħala tweġiba għal talba ta' standardizzazzjoni mill-Kummissjoni.

Għad trid issir azzjoni biex twieġeb għar-rekwiżiti tal-Anness II rigward l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tal-iċċarġjar mingħajr fili għall-vetturi bil-mutur, l-iskambju tal-batteriji għall-vetturi bil-mutur u l-punti tal-iċċarġjar għall-karozzi tal-linja elettriċi. Madankollu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tal-iċċarġjar mingħajr fili u l-punti tal-iċċarġjar għall-karozzi tal-linja elettriċi se jkunu soġġetti għal Regolamenti Delegati ppjanati fl-2021.

4 Analiżi tal-Azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu miri għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi u jiżviluppaw miżuri korrispondenti biex jilħqu dawk il-miri fl-ambitu tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom. Filwaqt li d-Direttiva tispeċifika b'mod ċar il-ħtiġijiet ġenerali ta' infrastruttura tat-toroq u tal-portijiet, ma tipprovdix metodoloġija komuni biex tinforma l-iffissar tal-miri u l-iżvilupp ta' miżuri.

[24] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/858 tat-18 ta' Ġunju 2020

Il-valutazzjoni turi li kien hemm progress fil-kwantità u fil-kwalità tad-*data* pprovduta fil-biċċa l-kbira tal-NIRs meta mqabbla mal-NPFs. Madankollu, ħafna rapporti ma jindirizzawx b'mod sħiħ u sodisfaċenti r-rekwiżiti ta' rapportar tad-Direttiva. Għad hemm diverġenza sinifikanti fost l-Istati Membri dwar l-iffissar tal-miri u d-deskrizzjoni tal-miżuri. Din id-diverġenza taggrava l-valutazzjoni koerenti tal-ambizzjoni tal-Istati Membri lejn l-iżvilupp ta' network ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fl-UE.[25]

L-istimi tal-Istati Membri dwar l-adozzjoni ta' vetturi u l-miri għall-varar tal-infrastruttura

Aggregazzjoni tal-istimi tal-vetturi u tal-miri tal-infrastruttura fl-ambitu tal-NIRs tal-Istati Membri, fil-livell tal-UE, turi li dawn huma ftit aktar ambizzjużi meta mqabbla ma' dawk fl-ambitu tal-NPFs fl-2016. Għad hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri.

L-Istati Membri jipprevedu adozzjoni rapida tal-**vetturi elettriċi**, għalkemm b'differenzi reġjonali qawwija ħafna. Il-projezzjonijiet tal-Istati Membri jissuġġerixxu li jista' jkun hemm madwar 2,5 miljun vettura elettrika fl-2020, aktar minn 7 miljun fl-2025 u aktar minn 30 miljun fl-2030[26]. Filwaqt li fi tmiem l-2020 ġew irreġistrati madwar 1,8 miljun vettura elettrika, ħafna Stati Membri rrevedew l-ambizzjoni dwar il-miri u l-miżuri korrispondenti. Dawn x'aktarx jappoġġjaw adozzjoni aċċellerata ta' vetturi u l-varar tal-infrastruttura f'dawk l-Istati Membri wara l-2020. Għall-2030, l-istimi jirrappreżentaw sehem globali ta' karozzi elettriċi ta' madwar 15 % tal-istokk totali attwali tal-karozzi. Madankollu, fil-livell ta' Stat Membru wieħed, l-ippjanar u l-ambizzjoni għall-2030 ivarjaw minn inqas minn 1 % għal aktar minn 40 % tal-karozzi elettriċi fl-istokk totali tal-karozzi.

Fl-aħħar tal-2020, kienu varati madwar 213 000 ċarġer aċċessibbli għall-pubbliku fl-UE[27], li minnhom madwar 10 % kienu ċarġers veloċi (>22 kW u sa 350 kW). Dan huwa ogħla mill-mira aggregata tal-Istati Membri ta' aktar minn 180 000 punt ta' ċċarġjar sal-2020. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri b'miri rrapportati jippjanaw proporzjon ta' punti ta' ċċarġjar ma' għadd ta' vetturi ta' madwar 1 kull 12 għall-2030. L-użu ta' dan il-proporzjon anki għall-Istati Membri li ma rrappurtawx mira jissuġġerixxi li l-Istati Membri attwalment jimmiraw għadd totali ta' punti ta' ċċarġjar ta' 2,7 miljun fl-2030. Madankollu, id-distribuzzjoni ta' dawk il-punti ta' ċċarġjar hija mistennija li tkun irregolari ħafna madwar l-Ewropa b'lakuni fin-network mistennija speċjalment fin-Nofsinhar u fil-Lvant tal-Ewropa fejn partijiet kbar tan-network ewlieni ma għandhomx punti ta' ċċarġjar installati kull 60 km[28].

Fir-rigward tal-vetturi elettriċi u l-infrastruttura tagħhom, l-2019 u l-2020 raw żieda ħafna akbar fir-reġistrazzjonijiet tal-vetturi elettriċi milli fil-varar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku. Din ix-xejra kompliet fl-2020. Fil-fatt, fl-2019 ir-reġistrazzjonijiet tal-vetturi elettriċi żdiedu b'50 % u fl-2020 b'52 % meta mqabbla mas-sena ta' qabel, filwaqt li ż-żieda fl-infrastruttura tal-iċċarġjar kienet biss ta' 38 % u 30 % rispettivament[29]. Filwaqt li

[25] Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri pprovdew stimi għall-adozzjoni ta' vetturi elettriċi u pprovdew miri għall-varar ta' ċarġers elettriċi għas-sena 2020. Madankollu, madwar żewġ terzi biss ipprovdew *data* dwar il-miri għall-2025 jew l-2030. L-iffissar tal-miri għal infrastruttura ta' fjuwils alternattivi oħra huwa aktar limitat. Madwar nofs l-Istati Membri jipprovdu miri għas-CNG u għal-LNG. Madwar terz biss tal-Istati Membri stabbilew miri għall-bunkering tal-LNG u għall-Provvista tal-Enerġija fuq l-Art (OPS) kemm għall-passaġġi fuq l-ilma marittimi kif ukoll dawk interni. Fl-aħħar nett, madwar nofs l-Istati Membri għażlu li jistabbilixxu miri għall-infrastruttura tal-idroġenu għat-trasport bit-triq.

[26] Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq *data* minn 25 Stat Membru.

[27] www.eafo.eu

[28] SWD(2017) 365 final

[29] Eafo.eu, Jannar 2021

l-varar ta' teknoloġija tal-iċċarġjar aktar veloċi jista' jgħin biex tiġi indirizzata parti miż-żieda fl-adozzjoni ta' vetturi, il-kontinwazzjoni ta' din ix-xejra xorta timplika riskju serju li l-varar tal-infrastruttura ma jmurx id f'id mal-adozzjoni ta' vetturi elettriċi fis-snin li ġejjin. Dan jista' jwassal għal nuqqasijiet importanti li jistgħu jdgħajfu l-adozzjoni ġenerali ta' dawk il-vetturi.

Is-16-il Stat Membru li jipprovdu stimi dwar il-**vetturi CNG** jissuġġerixxu l-irduppjar tal-vetturi sal-2025 u żieda oħra sal-2030 f'dawk l-Istati Membri. Madankollu, anki b'dik iż-żieda u b'kunsiderazzjoni tal-istokk eżistenti tal-vetturi tal-Istati Membri li ma rrappurtawx stimi ta' tkabbir, il-vetturi CNG huma mistennija li jirrappreżentaw biss sehem ta' madwar 1 % tal-istokk totali tal-vetturi fl-UE sal-2030. L-infrastruttura eżistenti ta' madwar 3,600 punt ta' riforniment ta' fjuwil fl-2020 tidher fil-biċċa l-kbira suffiċjenti biex tkopri d-domanda futura. L-istess jgħodd għall-**infrastruttura** attwali **tal-LPG** peress li l-Istati Membri ma jipprevedux żieda rilevanti tal-flotta attwali sal-2030.

Stimi mill-11-il Stat Membru li rrappurtaw dwar l-LNG jissuġġerixxu li **l-flotta ta' vetturi tqal tal-LNG** tista' tiżdied b'mod sinifikanti sal-2030. Madankollu, anki b'dik iż-żieda, dawk il-vetturi xorta se jirrappreżentaw biss madwar 1 % tal-flotta tat-trakkijiet tal-UE. Fl-2020, kien hemm madwar 310 punti ta' riforniment ta' fjuwil tal-LNG fl-UE li servew il-kurituri ewlenin tat-trasport TEN-T. Filwaqt li għad hemm xi lakuni, il-punti eżistenti għar-rifornimen ta' fjuwil fil-biċċa l-kbira tagħhom diġà jipprovdu konnessjoni tan-network suffiċjenti.

Il-mobbiltà b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu għadha suq niċċa. Xi Stati Membri jirrappurtaw ambizzjoni kbira fir-rigward tal-adozzjoni ta' **vetturi b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu**. Dawk l-ambizzjonijiet jistgħu jwasslu għal madwar 300,000 vettura fl-UE sal-2030. Madankollu, madwar nofs l-Istati Membri ma pprovdew l-ebda stima u ħafna Stati Membri jidher li għad ma għandhomx stabbilita strateġija għall-idroġenu. Fl-2020, kienu qed joperaw 125 stazzjon tal-idroġenu filwaqt li l-miri tal-Istati Membri jindikaw madwar 600 stazzjon sal-2030. Peress li madwar nofs l-Istati Membri ma jippjanaw l-ebda infrastruttura, l-implimentazzjoni attwali tad-Direttiva tirriżulta f'konnettività limitata għall-vetturi tal-idroġenu fl-UE.

Id-*data* pprovduta mill-Istati Membri dwar l-istimi tal-bastimenti **marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni** u l-varar tal-infrastruttura kienet skarsa ħafna. Dan ma jippermettix it-tfassil ta' valutazzjoni koerenti tal-iżvilupp attwali u ppjanat tal-bunkering tal-LNG u tal-Provvista tal-Enerġija Fuq l-Art madwar l-UE. Id-Direttiva 2014/94/UE ma fihiex dispożizzjonijiet speċifiċi li jkopru l-ferroviji u l-avjazzjoni.

Miżuri ta' politika u legali fil-livell nazzjonali

L-Istati Membri rrappurtaw varjetà ta' miżuri biex tiġi appoġġjata l-adozzjoni ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv u biex jintlaħqu l-miri tal-infrastruttura tagħhom. L-Istati Membri kollha implimentaw miżura legali u ta' politika waħda jew aktar biex jippromwovu l-vetturi elettriċi. Madwar tliet kwarti tal-Istati Membri stabbilew ukoll miżuri biex jiġu promossi l-vetturi elettriċi u l-infrastruttura relatata fit-trasport pubbliku. Aktar minn nofs l-Istati Membri rrappurtaw ukoll miżuri legali u ta' politika biex jiġu appoġġjati l-adozzjoni tal-vetturi u l-varar tal-infrastruttura fl-oqsma tal-gass naturali u l-idroġenu. Madankollu, ftit Stati Membri biss irrappurtaw dwar miżuri speċifiċi fir-rigward tat-trasport fuq l-ilma.

Skont l-informazzjoni limitata minn 22 NIR, l-Istati Membri allokaw total ta' madwar EUR 6,7 biljun matul il-perjodu 2016-2019. L-allokazzjonijiet tal-baġit fost l-Istati Membri varjaw ħafna, minn EUR 3 miljun biss għal kważi EUR 2,7 biljun. L-Istati Membri allokaw l-akbar sehem għall-implimentazzjoni ta' diversi miżuri ta' appoġġ għall-politika (pereżempju appoġġ għax-xiri ta' vetturi u l-varar tal-infrastruttura), segwita minn appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni, u appoġġ għall-manifattura. L-akbar sehem mill-appoġġ baġitarju tal-Istati Membri mar għall-vetturi elettriċi u għall-infrastruttura tal-iċċarġjar, segwiti mill-idroġenu għat-trasport bit-triq u l-appoġġ għall-gass naturali għat-trasport bit-triq. L-ammont allokat għat-trasport fuq l-ilma kien ħafna aktar limitat u inqas minn 5 % tal-finanzjament totali.

Bħala medja, il-miżuri rrappurtati mill-Istati Membri jidhru li huma adatti biex jaċċelleraw l-adozzjoni ta' vetturi u l-varar tal-infrastruttura f'konformità mal-istimi u l-miri ġenerali tal-vetturi u tal-infrastruttura stabbiliti mill-Istati Membri. Dan huwa partikolarment minnu għall-vetturi elettriċi u l-infrastruttura tagħhom.

5 Valutazzjoni tal-effetti tad-Direttiva

L-Artikolu 10(3) tad-Direttiva jirrikjedi r-rapportar dwar l-effett tagħha fuq l-adozzjoni ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi u l-varar tal-infrastruttura relatata. Dan il-kapitolu jiġbor fil-qosor is-sejbiet tal-ħidma mwettqa fl-ambitu tal-evalwazzjoni li għaddejja tad-Direttiva. Is-sejbiet irrapportati hawn ma jipprevedux minn qabel xi konklużjoni tal-evalwazzjoni tad-Direttiva, li hija ppjanata għall-pubblikazzjoni sas-sajf tal-2021 u se jippreżentaw f'aktar dettall ir-riżultati tal-evalwazzjoni f'termini tal-varar u l-kwalità tal-infrastruttura, inkluż fir-rigward tal-informazzjoni għall-utent.

L-adozzjoni ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv u l-varar tal-infrastruttura

L-analiżi wriet li d-Direttiva kellha impatt konsiderevoli flimkien ma' inizjattivi leġiżlattivi oħra bħar-Regolamenti dwar l-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għal vetturi ħfief u tqal u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija[30] kemm fuq l-adozzjoni ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv kif ukoll fuq l-infrastruttura tagħhom. Is-sehem ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv mill-bejgħ totali tal-vetturi fl-2020 huwa ftit akbar minħabba l-implimentazzjoni tad-Direttiva milli f'sitwazzjoni ipotetika mingħajr id-Direttiva. Dan l-impatt pożittiv tad-Direttiva jiżdied b'mod sinifikanti lejn l-2030 meta l-bejgħ ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi se jkompli jiżdied.

Id-Direttiva kellha impatt dirett ukoll fuq l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar bl-elettriku li huwa previst li se jkun madwar id-doppju fl-2030 meta mqabbel ma' sitwazzjoni mingħajr id-Direttiva. Huwa mistenni impatt simili għall-punti ta' riforniment tal-idroġenu u tal-LNG. Għall-infrastruttura tas-CNG, huwa mistenni impatt aktar baxx tad-Direttiva, peress li network ta' infrastruttura kien diġà disponibbli qabel ma ġiet adottata d-Direttiva.

L-impatt tad-Direttiva dwar l-adozzjoni ta' fjuwils alternattivi u l-provvista tal-enerġija fuq l-art għat-tbaħħir u għall-passaġġi fuq l-ilma interni huwa diffiċli li jiġi vvalutat. Mid-*data* disponibbli jista' jiġi konkluż li l-investimenti fl-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għall-

[30] Id-Direttiva 2010/31/UE,

bunkering tal-LNG u l-provvista tal-enerġija fuq l-art (OPS) fil-portijiet kienu limitati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Madankollu, speċjalment f'dawk l-oqsma, id-Direttiva x'aktarx li jkollha impatt importanti eqreb lejn id-dati fil-mira għall-varar tagħhom fl-2025 jew fl-2030.

L-effetti tad-Direttiva f'termini ta' kwalità tal-infrastruttura[31]

Id-Direttiva kellha wkoll impatt konsiderevoli fuq l-interoperabbiltà tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi. Madankollu, għad hemm għadd ta' nuqqasijiet, li jagħmluha diffiċli għall-utenti biex jivvjaġġaw mingħajr xkiel bejn il-fruntieri, speċifikament b'vetturi elettriċi.

Sabiex tiġi żgurata l-**interoperabbiltà**, id-Direttiva u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1745 sussegwenti jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi għall-konnessjoni fiżika bejn il-punt tal-iċċarġjar/tar-riforniment ta' fjuwil u l-vettura. Il-kapaċità li jiġu adottati atti delegati skont id-Direttiva għenet biex l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jiġu trasposti fil-liġi Ewropea b'mod immirat, li jibni fuq l-għarfien espert tal-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni. Madankollu, id-Direttiva mhijiex adatta biex tindirizza l-ħtieġa ta' standards tekniċi ulterjuri rigward interfaċċi ta' komunikazzjoni, għall-iċċarġjar ta' vetturi tqal u ta' bastimenti, kif ukoll għall-bunkering tal-metanol u tal-ammonijaka, għar-riforniment ta' fjuwil tal-idroġenu likwidu u għall-iżgurar ta' interoperabbiltà sħiħa fl-ekosistema tar-riforniment ta' fjuwil tal-idroġenu.

Id-Direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi **infrastruttura faċli biex tintuża**. Dan l-objettiv inkiseb biss parzjalment. In-nuqqasijiet fl-esperjenza tal-utent, speċifikament fil-qasam tal-elettromobbiltà transfruntiera, jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej.

L-**aċċess faċli għall-informazzjoni** dwar il-post u d-disponibbiltà tal-punti kollha tal-iċċarġjar u tar-riforniment ta' fjuwil huwa essenzjali. Madankollu, dan mhux dejjem ikun il-każ. *Data* bħal din mhijiex disponibbli b'mod sistematiku f'ħafna Stati Membri. Il-kwalità tad-*data* tvarja, u mhux dejjem tappoġġja l-iżvilupp ta' servizzi komprensivi ġodda għall-utenti.

Filwaqt li d-Direttiva tirrikjedi **prezzijiet trasparenti**, ħafna utenti għad għandhom informazzjoni limitata dwar il-prezz finali ta' sessjoni ta' ċċarġjar. Il-prezzijiet spiss ma jintwerewx b'mod ċar f'punt ta' ċċarġjar u spiss ma jkunux lanqas aċċessibbli permezz tal-apps. Barra minn hekk, jeżistu ħafna komponenti differenti tal-prezzijiet li jagħmluha diffiċli li jitqabblu l-prezzijiet tal-utenti aħħarin.

Id-Direttiva tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar **ħlas ad hoc** biex jiġi żgurat li l-ebda utent ma jitħalla l-art minħabba diffikultajiet fil-ħlas. Madankollu, feġġew soluzzjonijiet diġitali differenti fis-swieq. Mhuwiex disponibbli metodu ta' ħlas ad hoc uniformi u sempliċi (bħall-ħlas b'karti tal-bank ta' kreditu/debitu) madwar l-Ewropa kollha. L-iċċarġjar ibbażat fuq kuntratt ma jaħdimx b'mod uniformi madwar l-Unjoni, peress li mhux il-fornituri kollha ta' servizzi tal-elettromobbiltà jew il-pjattaformi kollha tar-roaming joffru s-servizzi tagħhom f'kull punt ta' ċċarġjar. Hemm għadd dejjem akbar ta' lmenti tal-konsumaturi dwar in-nuqqas

[31] Informazzjoni bbażata fuq Studju ta' Appoġġ għall-Evalwazzjoni u r-Rapport mill-Forum dwar it-Trasport Sostenibbli rigward l-analiżi tal-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtiġijiet u l-għażliet ta' politika ewlenin għal azzjoni fil-varar tal-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi u s-servizzi tal-konsumatur:, https://ec.europa.eu/transport/sites/transport/files/2019-stf-consultation-analysis.pdf

ta' trasparenza fil-prezzijiet u l-faċilità għall-utent tal-infrastruttura tal-iċċarġjar, b'mod partikolari għall-ħlasijiet, li huwa meqjus bħala ostaklu speċifikament biex ma jkunx hemm intoppi fi vjaġġi itwal.

Fir-rigward tal-**integrazzjoni tal-vetturi elettriċi fis-sistema tal-elettriku**, id-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva jiżguraw l-allinjament tar-regoli bejn l-elettromobbiltà u s-swieq tal-elettriku. Madankollu, l-adozzjoni futura ta' vetturi tal-massa se tirrikjedi ċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali biex tiġi żgurata integrazzjoni effiċjenti tal-vetturi elettriċi fis-sistema tal-elettriku. Ir-riformulazzjoni reċenti tad-Direttiva dwar l-elettriku (2019/944/UE) diġà tipprovdi qafas għall-iżvilupp ta' servizzi tal-elettriku kompetittivi li – jekk jiġu trasposti malajr[32] u b'mod korrett fl-Istati Membri – jistabbilixxi l-pedamenti biex jiġi permess l-iżvilupp ta' servizzi ta' ċċarġjar intelliġenti u ta' vetturi għall-grilja fis-suq, b'mod speċjali jekk tkun ġiet varata infrastruttura ta' ċċarġjar intelliġenti. L-infrastruttura tal-iċċarġjar intelliġenti tinkludi l-punt tal-iċċarġjar, il-komunikazzjoni bejn il-punt tal-iċċarġjar u l-vettura, u l-vettura nnifisha. Madankollu, id-Direttiva fil-preżent ftit li xejn tappoġġja l-infrastruttura ta' ċċarġjar intelliġenti u biex tiffaċilita dak l-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali, jistgħu jiġu żviluppati servizzi. L-NPFs u l-NIRs tal-Istati Membri ftit li xejn fihom informazzjoni dwar dan is-suġġett.

6 Koerenza tal-ippjanar tal-Istati Membri mal-implikazzjonijiet taż-żieda ġenerali ta' ambizzjoni għall-mira klimatika tal-UE għall-2030

Il-valutazzjoni tar-rapporti ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri tindika li l-ambizzjoni ġenerali attwali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi fis-settur tat-toroq hija fil-biċċa l-kbira konformi mal-projezzjonijiet tal-kontribuzzjoni meħtieġa għat-trasport bit-triq biex tiġi ssodisfata l-mira stabbilita preċedentement tal-UE għal tnaqqis b'40 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030. Madankollu, jeżistu differenzi reġjonali qawwija. Dawn mhux se jiggarantixxu network koerenti ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi madwar l-UE, u jistgħu joħolqu riskju ta' frammentazzjoni kontinwa tas-suq.

Il-Pjan dwar il-Mira Klimatika adottat reċentement jistabbilixxi ambizzjoni konsiderevolment ogħla ta' mill-inqas 55 % ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030. Għalhekk se tkun meħtieġa adozzjoni aċċellerata b'mod sinifikanti ta' fjuwils alternattivi sostenibbli u ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi. Skont ix-xenarju ppreżentat fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Pjan dwar il-Mira Klimatika[33], is-sehem ta' **karozzi b'emissjonijiet żero u baxxi** (inklużi batteriji elettriċi, ċelloli tal-fjuwil u ibridi rikarikabbli) fil-flotta totali tal-karozzi jkun jeħtieġ li jiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbel ma' xenarju ta' politika attwali.

Fil-kuntest tal-ambizzjoni akbar, il-varar korrispondenti tal-infrastruttura tal-iċċarġjar ikun jeħtieġ ukoll li jiżdied aktar milli huwa ppjanat bħalissa mill-Istati Membri. Il-ħtieġa li tiġi żgurata kopertura tajba tan-network fl-Unjoni kollha tkun tirrikjedi intensifikazzjoni tal-isforz

[32] Skadenza tat-traspożizzjoni ta' Artikoli relatati fid-Direttiva 2019/944/UE: 31.12.2020

[33] SWD/2020/176 final https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:52020SC0176

fl-Istati Membri kollha, filwaqt li tkun teħtieġ sforz sinifikanti f'dawk l-Istati Membri b'ambizzjoni attwalment relattivament baxxa. Minbarra l-infrastruttura tal-iċċarġjar bl-elettriku, jeħtieġ li tinbena biżżejjed infrastruttura tal-idroġenu fil-perjodu ta' wara l-2025, b'mod partikolari biex tappoġġja l-adozzjoni aċċellerata ta' trakkijiet b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu wara l-2030.

L-impatt tal-ambizzjoni akbar tal-mira klimatika tal-2030 dwar il-ħtieġa ta' infrastruttura addizzjonali għar-riforniment ta' fjuwil għas-**CNG u l-LNG** meta mqabbel mal-ippjanar attwali tal-Istati Membri huwa inqas evidenti. Filwaqt li adozzjoni aċċellerata tal-vetturi CNG u LNG tista' tkun mistennija sal-2030 speċjalment fis-segment heavy-duty, l-infrastruttura ppjanata tidher li diġà hija fil-biċċa l-kbira suffiċjenti. Dan huwa minnu b'mod speċjali għall-infrastruttura tas-CNG, filwaqt li jitqies ukoll li s-sehem tal-vetturi CNG huwa mistenni li jonqos b'mod sinifikanti wara l-2035. Fil-preżent l-infrastruttura tal-LNG diġà tkopri l-kurituri tan-network ewlieni tat-trasport TEN-T u tista' taqdi l-aktar it-tkabbir mistenni fil-flotta.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jenfasizza wkoll il-ħtieġa kbira ta' dekarbonizzazzjoni fis-settur tat-**tbaħħir**. Ix-xenarji li jirfdu l-ilħuq mill-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar l-ekonomija kollha ta' mill-inqas 55 % jipprevedu sehem kbir ta' fjuwils alternattivi bħal fjuwils likwidi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Fjuwils alternattivi oħra li għandhom jintużaw b'mod partikolari wara l-2030 se jkunu l-idroġenu jew il-vetturi tal-idroġenu, bħall-ammonijaka, kif ukoll il-bijo-LNG, l-elettriku, il-metanol u l-fjuwils elettroniċi li bl-eċċezzjoni tal-fjuwils elettroniċi jirrikjedu infrastruttura distinta.

L-inizjattiva FuelEU Maritime[34] li għandha tiġi adottata fl-2021 se tkompli tanalizza l-perkorsi ta' dekarbonizzazzjoni u ta' tnaqqis tat-tniġġis għas-settur marittimu. Huwa evidenti li hemm bżonn ta' sforz konsiderevoli u fit-tul biex tiġi żgurata provvista ta' infrastruttura adegwata għal tali provvista ta' fjuwil. L-ippjanar attwali tal-Istati Membri f'dan il-qasam qiegħed ferm lura minn dak li se jkun meħtieġ biex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' sustanzi niġġiesa fuq perjodu ta' żmien qasir u medju relatati mal-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' investimenti addizzjonali sostanzjali biex tiġi pprovduta l-infrastruttura meħtieġa għall-iċċarġjar u għar-riforniment ta' fjuwil speċjalment għal bastimenti b'emissjonijiet żero u infrastruttura relatata fil-portijiet. Dawk ir-riżorsi bħalissa mhumiex allokati fl-ippjanar tal-Istati Membri kif irrappurtat fir-Rapporti ta' Implimentazzjoni Nazzjonali u jista' jkun hemm bżonn ta' finanzjament addizzjonali biex jintlaħaq l-objettiv tal-klima.

Filwaqt li mhumiex koperti b'mod espliċitu mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, is-setturi tal-avjazzjoni u tat-trasport bil-ferrovija se jkollhom iżidu b'mod ugwali l-isforzi tagħhom biex jilħqu l-ambizzjoni tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika. Fir-rigward tal-avjazzjoni, l-inizjattiva RefuelEU għandha l-għan li tagħti spinta lill-provvista u lid-domanda għal fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-UE[35]. Dan min-naħa tiegħu se jnaqqas l-impronta ambjentali tal-avjazzjoni u se jippermettilha tgħin biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE. Barra minn hekk, huma meħtieġa aktar sforzi biex titħaffef ukoll il-provvista tal-elettriku fl-ajruporti għal

[34] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12312-FuelEU-Maritime-
[35] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12303-ReFuelEU-Aviation-Sustainable-Aviation-Fuels

inġenji tal-ajru wieqfa u biex jiġu dekarbonizzati l-movimenti fuq l-art. Fir-rigward tal-ferroviji, huwa meħtieġ sforz ulterjuri biex jiġu elettrifikati aktar linji ferrovjarji u biex jiġi stabbilit l-idroġenu bħala alternattiva għal dawk il-partijiet tan-network ferrovjarju li huma diffiċli biex jiġu elettrifikati.

7. Konklużjoni

Id-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi kienet strumentali biex tiskatta l-iżvilupp ta' politiki u miżuri għat-tnedija ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fl-Istati Membri. L-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva u żviluppaw l-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali (NPFs) tagħhom. Minkejja differenzi bejn l-Istati Membri, dawk l-oqfsa ta' politika għenu fil-bini ta' perspettiva fit-tul li tħares 'il quddiem dwar l-infrastruttura għall-elettriku, il-gass naturali u l-idroġenu sal-2030. L-Istati Membri rrappurtaw bl-istess mod dwar l-implimentazzjoni ta' dawk l-oqfsa ta' politika fl-ewwel Rapporti ta' Implimentazzjoni Nazzjonali tagħhom fl-2019.

Id-Direttiva kellha impatt pożittiv fuq l-adozzjoni ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv u l-infrastruttura tagħhom. L-analiżi tas-servizzi tal-Kummissjoni turi li s-swieq kienu jkunu inqas żviluppati f'xenarju mingħajr id-Direttiva. Madankollu, in-nuqqasijiet tal-qafas ta' politika attwali jidhru wkoll b'mod ċar: peress li m'hemm l-ebda metodoloġija dettaljata u vinkolanti għall-Istati Membri biex jikkalkulaw il-miri u jadottaw miżuri, il-livell ta' ambizzjoni fl-iffissar tal-miri u l-politiki ta' appoġġ stabbiliti jvarja ħafna bejn l-Istati Membri. Pereżempju, is-sehem previst mill-Istati Membri għall-karozzi elettriċi fil-flotta totali tal-karozzi għall-2030 ivarja bejn inqas minn 1 % u aktar minn 40 %. Il-miri infrastrutturali korrispondenti jirriflettu l-livell differenti ta' ambizzjoni, li jfisser li l-varar ippjanat tal-infrastruttura jvarja ħafna bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-oqfsa ta' politika spiss ma jispjegawx f'biżżejjed dettall is-sitwazzjoni attwali u dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika eżistenti u ppjanati. Dan jikkorrispondi mas-sejbiet ta' valutazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni kif ukoll mal-konklużjonijiet tar-Rapport fuq Inizjattiva Propja tal-Parlament Ewropew dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi mill-2018.[36]

Il-livell attwali ta' varar ta' infrastruttura huwa biżżejjed biex iservi l-għadd pjuttost baxx ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv li bħalissa jinsabu fit-triq, bit-tnejn li huma korrelatati. Madankollu, ma jeżistix network komprensiv u komplut ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi madwar l-Unjoni. Pereżempju fil-qasam tal-iċċarġjar bl-elettriku, partijiet kbar min-network ewlieni ma għandhomx punti ta' ċċarġjar installati kull 60 km kif irrakkomandat. Għalhekk huwa improbabbli li skont il-qafas leġiżlattiv attwali n-network meħtieġ jiżviluppa madwar l-Ewropa fis-snin li ġejjin anki jekk l-Istati Membri kollha jilħqu l-miri tagħhom. Dan huwa daqstant ieħor minnu għall-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi oħra, speċjalment għat-trasport fuq l-ilma.

Il-Kummissjoni pproponiet li sal-2030 l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-mira preċedenti ta' tnaqqis ta' 40 %. Dan għandu impatt rilevanti fuq l-adozzjoni meħtieġa ta' fjuwils, vetturi u infrastruttura alternattivi

---

36 (2018/2023(INI)) https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-8-2018-0297_MT.html

sostenibbli. Sabiex jintlaħqu dawn il-miri ambizzjużi, l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura relatata jeħtieġ li taċċellera b'mod sinifikanti fis-segmenti kollha tas-suq ta' vetturi ħfief u tqal. L-isforzi se jkollhom ikunu konsiderevolment akbar mill-isforzi rrapportati mill-Istati Membri skont id-Direttiva. Dan mhux biss huwa relatat mat-trasport bit-triq iżda ugwalment u b'mod partikolari ma' modi oħra ta' trasport bħat-trasport fuq l-ilma u l-avjazzjoni. L-adozzjoni ta' fjuwils alternattivi sostenibbli u l-provvista tal-elettriku għall-vapuri rmiġġati u l-inġenji tal-ajru wieqfa għandha tiġi aċċellerata.

Filwaqt li l-**ispeċifikazzjonijiet tekniċi** żviluppati skont id-Direttiva wrew li huma rilevanti ħafna, feġġew ħtiġijiet ġodda għal speċifikazzjonijiet tekniċi skont id-Direttiva. Dawn jikkonċernaw b'mod partikolari l-interoperabbiltà u l-iskambju trasparenti ta' informazzjoni fost l-atturi differenti fi ħdan l-ekosistema tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi. Huma meħtieġa standards għall-iċċarġjar ta' vetturi tqal u għar-rifroniment ta' fjuwil tal-idroġenu likwidu. Barra minn hekk, it-trasport marittimu u n-navigazzjoni interna se jibbenefikaw ukoll minn aktar speċifikazzjonijiet tekniċi komuni biex jiġi ffaċilitat u kkonsolidat id-dħul fis-suq ta' fjuwils alternattivi, speċjalment fir-rigward tal-provvista tal-fjuwil għall-elettriku u l-idroġenu.

Minn **perspettiva tal-konsumatur**, l-użu ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi jeħtieġ li jkun faċli daqs l-użu ta' infrastruttura ta' rifroniment ta' fjuwil konvenzjonali. Dan jirrikjedi li l-informazzjoni dwar il-post kif ukoll il-prezzijiet li għandhom jiġu imposti jkunu disponibbli u li l-pagament ikun mingħajr xkiel. Il-qafas ta' politika attwali għandu nuqqasijiet u l-konsumaturi jistgħu jiffaċċjaw problemi b'mod partikolari meta jivvjaġġaw bejn il-fruntieri.

Finalment u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM/2020/299[37], trid tiġi żgurata l-integrazzjoni kosteffiċjenti ta' għadd akbar ta' vetturi elettriċi fis-**sistema tal-elettriku**. Biex tiġi evitata l-konġestjoni tal-grilja u biex jiġu limitati l-investimenti għaljin fl-infrastruttura tal-grilja, huwa essenzjali li l-vetturi elettriċi jiġu ċċarġjati b'mod intelliġenti. L-integrazzjoni intelliġenti tal-vetturi elettriċi u l-iċċarġjar bidirezzjonali se jipprovdu wkoll flessibbiltà għall-ġestjoni ġenerali tas-sistema tal-enerġija u b'hekk jgħinu biex jiġu integrati aktar ishma tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli varjabbli. Filwaqt li d-Direttiva dwar l-Elettriku[38] u r-Regolament dwar l-Elettriku[39] adottati fl-2019 jipprovdu l-qafas leġiżlattiv fuq in-naħa tas-suq tal-elettriku, rekwiżiti addizzjonali dwar il-punt tal-iċċarġjar u l-komunikazzjoni bejn il-punt tal-iċċarġjar u l-vettura jistgħu jkunu meħtieġa biex ikun jista' jsir iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali għalkollox.

Barra minn hekk, matul it-tranżizzjoni lejn fjuwils alternattivi u l-adozzjoni pjuttost limitata ta' vetturi alternattivi, l-**investimenti** fl-infrastruttura jistgħu ma jkunux profittabbli. Dan huwa partikolarment il-każ għal postijiet b'domanda baxxa u b'ġustifikazzjoni ekonomika aktar diffiċli, pereżempju f'żoni rurali jew f'żoni b'adozzjoni baxxa ta' dan it-tip ta' vetturi. Barra minn hekk, it-tnedija ta' punti ta' ċċarġjar ultraveloċi u ta' stazzjonijiet tal-idroġenu flimkien man-network ewlieni u komprensiv tat-TEN-T tista' tirrikjedi aktar appoġġ. F'dan ir-rigward, il-finanzjament pubbliku għall-punti ta' ċċarġjar jew ta' rifroniment ta' fjuwil

[37] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM/2020/299 Nixprunaw Ekonomija Newtrali għall-Klima: Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija
[38] 2019/944/UE
[39] 2019/943/UE

aċċessibbli għall-pubbliku jeħtieġ li jitkompla u jiġi ffukat fuq dawk il-partijiet tan-network fejn l-investimenti privati mhux se jkunu profittabbli biex jintlaħqu l-objettivi tal-Kummissjoni li jkun hemm mill-inqas miljun punt ta' ċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku u punti ta' rifiorniment ta' fjuwil varati sal-2025.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ħabbret reviżjonijiet ta' leġiżlazzjoni relatata, pereżempju tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi ħfief fl-2021 u r-reviżjoni tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal fl-2022, l-inizjattivi futuri FuelEU u ReFuelEU għall-avjazzjoni u l-baħar, u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli[40] li se ssaħħaħ il-miżuri għall-adozzjoni ta' fjuwils rinnovabbli, tal-idroġenu u tal-elettriku fis-settur tat-trasport. Hija meħtieġa wkoll azzjoni ulterjuri fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat li l-**varar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-rifiorniment ta' fjuwil interoperabbli u faċli għall-utent**[41] jimxi id f'id mal-ħtieġa ta' adozzjoni aċċellerata tal-vetturi u tal-fjuwils fil-modi kollha tat-trasport.

Dan jirrikjedi tisħiħ tal-qafas ta' politika attwali fil-livell tal-UE biex tinkiseb l-ambizzjoni klimatika akbar tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex jiġu evitati aktar ostakli għat-tkabbir tas-suq. Il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li twettaq Valutazzjoni tal-Impatt għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi u se tqis kif xieraq is-sejbiet ta' dan ir-rapport kif ukoll dawk tal-evalwazzjoni li għaddejja tad-Direttiva f'dan il-kuntest.

[40] 2018/2001/UE

[41] Filwaqt li l-infrastruttura aċċessibbli għall-pubbliku se tiġi indirizzata fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, l-infrastruttura tal-iċċarġjar privata f'bini residenzjali u mhux residenzjali se tiġi indirizzata fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.